MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2011

Numru 1369/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Samuel Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Samuel Borg ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bin il-mejjet Ronald u Rita neè Ellul, imwieled Pietà fl-10 ta' Settembru 1986 u residenti Blk. Indipendenza, Ent. E, Flt. 8, Triq id-9 ta' Frar, Ta' Zwejt, San Gwann, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 434286(M), talli b'diversi atti, anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, f'dawn il-Gzejjer:

1) Nhar it-3 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 13:00hrs, mir-residenza Nru. 76 "Villa Sacci" Triq Xaghra Ta' Barra, Mellieha, ikkommetta serq ta' tlett (3) cilindri tal-gas, liema serq jeccedi mitt Euro (€100), ghad dannu ta' Ingo Mesche, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 023722(A), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

2) Nhar it-3 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 17:30hrs, mir-residenza Nru. 25, Triq Ta' Fuq il-Widien, Mellieha, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gas (1), liema serq ma jeccedix hamsin Euro (€50), ghad dannu ta' Michael Gatt detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 0825947(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

3) Nhar it-3 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 18:30hrs, mir-residenza Nru. 88 "South Fork" Triq Xaghra Ta' Barra, Mellieha, ikkommetta serq ta' tlett (3) cilindri tal-gas, liema serq jeccedi mitt Euro (€100), ghad dannu ta' Jeffrey Joe Schembri detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 0200487(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

4) Nhar is-6 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 08:30hrs, mir-residenza Nru. 73 "Arches House" Triq Filippu Farrugia, Zurrieq, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gas, liema serq ma jeccedix hamsin Euro (€50), ghad dannu ta' Anna Magro detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 039052(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

5) Nhar is-6 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 08:30hrs, mir-residenza Nru. 72 "City of Melbourna" Triq Filippu Farrugia, Zurrieq, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gas, liema serq ma jeccedix hamsin Euro (€50), ghad dannu ta' Lourdes Callus detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 0480736(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

6) Nhar is-6 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 09:30hrs, mir-residenza Nru. 61 "Alexandria" Triq Napuljun, Zurrieq, ikkommetta serq ta' cilindru tal-gas,

liema serq ma jeccedix hamsin Euro (€50), ghad dannu ta’ Pauline Xuereb detentrici ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 0359349(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

7) Nhar is-6 ta’ Dicembru 2011, ghall-habta ta’ 18:30hrs, mir-residenza Nru.43, Triq l-Izbark Tal-Francizi, Mellieha, ikkommetta serq ta’ tlett (3) cilindri tal-gas, liema serq jeccedi mitt Euro (€100), ghad dannu ta’ Maria Vella detentrici ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 0411754(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

8) Nhar is-7 ta’ Dicembru 2011, ghall-habta ta’ 09:30hrs, mir-residenza “Karisma” Triq Il-Hawlija, Mellieha, ikkommetta serq ta’ zewg (2) cilindri tal-gas, liema serq ma jeccedix mitt Euro (€100), ghad dannu ta’ Marisa Debono detentrici ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 0590982(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

9) Nhar is-7 ta’ Dicembru 2011, ghall-habta ta’ 17:30hrs, minn residenza mhux maghrufa gewwa il-Qrendi, ikkommetta serq ta’ zewg (2) cilindri tal-gas, liema serq ma jeccedix mitt Euro (€100), ghad dannu ta’ persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

10) Fis-7 ta’ Dicembru 2011 u fil-jiem ta’ qabel, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom;

11) Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkometti reat ezercita dritt li Jippretendi li ghandu minghajr il-kunsens tal-kumpaniji ‘Liquidgas’ u/jew ‘Easygas’ u/jew persuni ohra;

Kif ukoll talli kiser il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’zewg (2) sentenzi moghtija lilu: (a) nhar il-5 ta’ Mejju 2011 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.; u (b) nhar is-16 ta’ Gunju 2011 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. fejn huwa kien misjub hati ta’ reat u tqighed taht Probation Order;

U li sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi din il-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti, senjatament ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali ta' l-imputat, dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ta' avukat iffirmata mill-imputat, stqarrija ta' l-imputat u sitt rapporti dwar is-serq mertu ta' dawn il-proceduri;
Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat li l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuza Numru 11 fil-konfront ta' l-imputat u iddikjarat illi l-akkuza Numru 10 hija alternattiva ghall-akkuzi Numru 1 sa' Numru 9;

Rat illi l-imputat ghandu problema serja ta' droga u li huwa se jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga f'Jannar 2012;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta' htija ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi min-Numru

1 sa’ Numru 9 kif ukoll ta’ l-akkuza tar-recidiva u ta’ l-akkuza li kiser il-provvedimenti ta’ Probation Orders imposti fuqu minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta’ Mejju 2011 u fis-16 ta’ Gunju 2011, izda peress illi l-Prosekuzzjoni ritirat l-akkuza Numru 11 fil-konfront ta’ l-imputat u ddikjarat li l-akkuza Numru 10 hija alternattiva ghall-akkuzi Numru 1 sa’ Numru 9, tastejni milli tiehu konjizzjoni ta’ dawn iz-zewg akkuzi partikolari.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija, u b’mod partikolari hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu problema serja ta’ droga u li f’Jannar 2012 se jibda programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

B’hekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 49, 50, 263, 269(g), 270, 278 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ htija ta’ l-imputat ta’ l-akkuzi min-Numru 1 sa’ Numru 9 u ta’ l-akkuza tar-recidiva, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettivi.

Ghal dak li jirriwarda l-akkuza tal-ksur tal-provvedimenti tal-Probation Orders imposti fuq l-imputat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta’ Mejju 2011 u fis-16 ta’ Gunju 2011, li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li kienu ta’ perijodu ta’ tlett (3) snin kull wiehed, fic-cirkostanzi l-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputat dwar ir-reati li ghalihom tqieghed taht l-imsemmija Probation Orders, izda tikkonferma dawk l-istess Probation Orders. Il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car l-effetti ta’ din id-decizjoni partikolari u a tenur ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-gdid spiegatlu l-konsegwenzi legali jekk hu jerga’ jikkometti u jigi misjub hati ta’ reat waqt il-perijodu operattiv ta’ dawn il-Probation Orders.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress illi ma rrizultax li effettivament tqabbdu esperti fil-kuntest ta’ dan il-kaz.

In fine l-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema serja ta' droga li ghandu l-imputat kif ukoll fid-dawl ta' l-intenzjoni u volontà ta' l-imputat li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga f'Jannar 2012, l-istess imputat: (a) jiskonta l-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija imposti fuq b'din is-sentenza fil-Forensic Unit ta' l-Isptar Monte Carmeli; u li (b) jittiehdu l-passi u mizuri mehtiega sabiex f'Jannar 2012 l-imputat effettivament jibda, jsegwi u jispicca l-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------